MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1575/2000/1

**Eskay Enterprises (U) Ltd.**

**-vs-**

**Raymond Mallia u**
**Blye Engineering Company Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-27 ta' Lulju, 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu minghand il-konvenuti dik is-somma f'valur monetarju Malti, skond ir-rata tal-kambju vigenti, ekwivalenti ghal disghin elf u tmien mija u erbgha u hamsin Dollaru Amerikan (US$ 90,854) rapprezentanti kommissjonijiet dovuta lis-socjeta' attrici kif

ukoll spejjez inkorsi mill-istess fir-rigward ta’ kuntratti ta’ appalt lill-konvenuti minghand is-socjeta’ attrici.

Illi minkejja interpellati sabiex ihallsu permezz ta’ ittra ufficjali datata 16 ta’ Mejju, 2000, u debitament notifikata, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma f’kambju ta’ Lira Maltija li tkun ekwivalenti ghal disghin elf u tmien mija u erbgha u hamsin Dollaru Amerikan (US$ 90,854), fil-mument tal-hlas effettiv, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tas-16 ta’ Mejju, 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-kuntratti ta’ l-appalt relattivi kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa mill-Avukat Dottor Carlo Bisazza u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta pprezentata fis-6 ta’ Ottubru, 2000 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi s-socjeta’ attrici, *qua* socjeta’ estera, m’ghandhiex il-kapacita’ legali biex tiftah kawzi f’Malta u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici ma gabet ebda garanzija idoneja biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez kbar involuti f’din il-kawza u ghal din ir-raguni wkoll l-eccipjenti titlob il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi fi kwalunkwe kaz ic-citazzjoni hija nulla ghaliex (a) ma tispecifikax jekk l-allegati appalti gewx esegwiti Malta jew barra u lanqas kif u fuq liema bazi

legali giet likwidata s-somma ngenti mitluba fic-citazzjoni; u (b) d-dikjarazzjoni annessa maghha ma nhalfitx minn rapprezentant legali tas-socjeta’ estera;

4. Illi *inoltre* l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta’ l-Artiklu 2149 (d) tal-Kodici Civili.

5. Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-eccipjenti ma nghatat ebda appalt mis-socjeta’ attrici u fi kwalunkwe kaz m’ghandha taghtiha xejn.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta mahlufa minn Raymond Mallia bhala *Managing Director* u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Mallia, ipprezentata fis-6 t’Ottubru, 2000, li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti m’huwhiex il-legittimu kuntradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez *stante* li qatt ma kellu x’jaqsam xejn mas-socjeta’ attrici.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, is- socjeta’ attrici bhala socjeta’ estera, m’ghandhiex il-kapacita’ legali biex tiftah kawza simili u ghal din ir-raguni l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

3. Illi fi kwalunkwe kaz ic-citazzjoni hija nulla ghaliex (a) ma tispecifikax jekk l-allegati appalti gewx esegwiti Malta jew fl-esteru u kif u fuq liema bazi legali giet likwidata s-somma mitluba u (b) d-dikjarazzjoni ma nhalfitx skond il-Ligi minn rapprezentant legali tas-socjeta’ estera;

4. Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici ma gabitx garanzija idoneja biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji kbar involuti f’din il-kawza u ghaldaqstant ukoll l-eccipjent jitlob il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fit-18 ta’ April, 2002 li permezz taghha giet michuda t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Rat il-provvediment ta’ l-istess Qorti moghti fis-6 ta’ Frar, 2004 li permezz tieghu giet ukoll michuda t-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

Rat ukoll is-sentenza ulterjuri taghha moghtija fit-18 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti.

Rat l-atti processwali komprizi l-provi migbura mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Mejju, 2008 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Il-mertu tal-kawza huwa dwar kummissjonijiet li s-socjeta’ attrici, li hija socjeta’ barranija, qed tirreklama fil-konfront tal-konvenuti. Ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet tohrog mill-kuntratt li sar bejn is-socjeta’ attrici u dik konvenuta, u li gie esebit mix-xhud Philip Kiddu li huwa rapprezentant tas-socjeta’ attrici a fol. 74 tal-process. B’ dan il-ftehim is-socjeta’ attrici saret l-agent ta’ dik konvenuta fl-Uganda u l-Lvant ta’ l-Afrika bl-obbligu ta’ din ta’ l-ahhar li thallasha

l-kummissjonijiet. Ghandu jinghad mill-ewwel illi l-ftehim sar bejn is-socjetajiet u allura wiehed ma jifhimx ghaliex il-konvenut gie mharrek personalment. Ghalhekk l-eccezzjoni tieghu li mhux legittimu kontradittur ghandha tigi, u ser tigi, milqugha.

Skond l-affidavit ta' l-imsemmi Philip Kiddu s-socjeta' tieghu ghandha tiehu minghand dik konvenuta hlasijiet ghal tliet kuntratti; dak li s-socjeta' konvenuta kellha ma' Civil Aviation Authority (ta' l-Uganda) u dawk ma' zewg socjetajiet *ossia* Sonora Investment Limited / Simbi Roses u BM Packers.

Fir-rigward ta' din ta' l-ahhar, kliem l-istess Philip Kiddu meta gie kontro-ezaminat juru li ma hemm dovut xejn mis-socjeta' konvenuta; in fatti dan qal a fol. 118 tal-process li: "*As regards BM Packers we dealt with Poultyman, company belonging to Ray Mallia.*" Ghalhekk kull hlas li seta' kien dovut kellu jithallas minn din is-socjeta' li skond Mallia fil-fatt ma hijiex tieghu ghalkemm huwa ghandu interess fiha u hija wkoll socjeta' estera.

Fir-rigward ta' Sonora, Raymond Mallia fl-affidavit tieghu jghid li din hija socjeta' Kenjana u x-xoghol sar fil-Kenja u ghalhekk l-atturi ma ghandhom jiehdu xejn ghaliex huma kienu jirrapprezentawha fl-Uganda. Hawnhekk Mallia m'huwiex preciz ghaliex fil-fatt il-kuntratt ta' agenzija kien ukoll estiz ghall-Afrika ta' Lvant, u l-Kenja tikkwalifika bhala tali. Madankollu fir-rigward ta' dan il-kuntratt il-provi huma skarsi hafna fejn jirrigwardaw l-involviment tas-socjeta' attrici. Mallia jghid li huma ma kellhom x'jaqsmu xejn. Dan ma jispjegax kif Kiddu ghandu fil-pussess tieghu (u esebixxa meta gie Malta biex jixhed) certu dokumenti fir-rigward ta' dan il-kuntratt, izda l-Qorti jehtigilha aktar provi biex tkun tista' tikkundanna lill-konvenuti jhallsu ghall-istess kuntratt. Mallia in fatti jghid li huma hallsu l-kummissjoni lil xi hadd iehor fil-Kenja (socjeta' jisimha Booth Manufacturing Limited), u d-Dokument 'PK4' a fol. 122 jindika li fil-fatt is-socjeta' Booth Manufacturing Limited kienet qed titlob dan il-hlas. Ma hemmx indikazzjonijiet cari x'kien l-involviment tas-socjeta' attrici u allura anke din it-talba ser tigi michuda.

Fir-rigward tal-kuntratt ma’ l-Awtorita’ ta’ l-Avjazzjoni Civili fl-Uganda (fid-dokumenti u deposizzjonijiet indikat bhala CAA) is-socjeta’ konvenuta qed tirrifjuta li thallas ghaliex skond hi l-hlas kellu jsir meta jsir il-hlas finali, u billi hija qatt ma thallset l-ammont kollu ma ghandha taghti xejn. Fil-verita’ l-kuntratt ma jsemmi xejn dwar hlas finali izda biss illi “*Commission payments will be made / paid by Blye after payment has been received.*” F’dan il-kaz jidher illi l-kuntratt gie terminat qabel ma ntemm ghal ragunijiet li ma humiex relevanti ghall-kawza ghaliex kien jirrigwarda tilwima li nqalghet bejn l-Awtorita’ msemmija u s-socjeta’ konvenuta. Dwar dan is-socjeta’ attrici ma tahtix. Mallia fl-affidavit tieghu isemmi diversi lanjanzi fir-rigward ta’ l-Awtorita’ u dwar is-socjeta’ attrici jghid biss li Kiddu “ *ma kienx jersaq ’l hemm*.” Jghid li mill-kuntratt ma qala’ xejn, anzi ma qalax bizzejjed, biex ikopri l-ispejjez. Ix-xhud u impjegata tieghu Pauline Cilia fl-affidavit taghha (fol. 161) qalet li fil-fatt huma thallsu ftit iktar minn nofs ta’ l-ammont li kellu jithallas. Ma hemmx ghalfejn wiehed jispjega fit-tul illi l-oneru tal-prova hija fuq min jallega – Artiklu 562 tal-Kodici tal-Procedura – ara wkoll is-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet <u>Lenicker vs Camilleri</u> deciza fil-31 ta’ Mejju, 1972 li qalet hekk: “*F’kawzi civili l-attur irid jipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort; jekk l-attur ma jgibx il-prova l-azzjoni tieghu ma jkollhiex esitu favorevoli.*” *Oltre* dan l-Artiklu 559 tal-Kodici tal-Procedura jinsisti li l-prova migbura ghandha tkun l-ahjar wahda. Is-socjeta’ attrici fil-fatt ma ressqitx provi precizi ta’ kemm sar hlas u ghalhekk il-Qorti bilfors ikollha tikkonkludi li s-socjeta’ konvenuta hadet cirka hamsin fil-mija tal-flus dovuti. *Una volta* stabbilit dan il-Qorti filwaqt li thoss li l-kummissjoni totali ta’ erbghin elf Dollaru ($40,000) m’hijiex dovuta, is-socjeta’ konvenuta ghandha thallas nofs din is-somma, u allura ghoxrin elf dollaru ($20,000).

**Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Raymond Mallia u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju; tichad l-eccezzjonijiet li baqa’ jigu decizi tas-socjeta’ konvenuta hlief kif gej u tilqa’ t-talba attrici fis-sens li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’**

**ghoxrin elf Dollaru Amerikan (US$ 20,000) ekwivalenti ghal sebgha u ghoxrin elf, erba' mija u tnejn u sittin Euro (€27,462.00). L-ispejjez, hlief dawk *gia'* decizi, ghandhom jithallsu hekk: dawk tal-konvenut Mallia mis-socjeta' attrici u l-ispejjez l-ohra kwart mis-socjeta' konvenuta u tliet kwarti mis-socjeta' attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------